MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 438/1993/2

**George u Georgina mizzewgin Sciberras u l-istess George Sciberras bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**vs**

**Josephine mart Leonard Spiteri minnu assistita u l-istess Leonard Spiteri bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Rosanne mart Emmanuel Cassar minnu assistita u l-istess Emmanuel Cassar bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Mary Astrid mart George Zarb minnu assistita**

**u l-istess George Zarb bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' Martu; George Mizzi.**

**Il-Qorti;**

1. Dan hu provvediment limitat ghall-eccezzjoni ta' dezerzjoni tal-appell sollevata mill-atturi appellati konjugi Sciberras. Dina l-eccezzjoni nghatat fl-ewwel udjenza tas-smigh ta' l-appell, u cioe` fl-4 ta' Novembru, 2003.

2. Bis-sentenza taghha tat-13 ta' Frar, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici kollha u konsegwentement (I) iddikjarat li l-atturi pprestaw servigi lil Grazia Borg u li ghalhekk huma kienu intitolati ghal kumpens, (II) illikwidat l-ammont dovut lill-atturi in linea ta' kumpens ghas-servigi minnhom rezi fl-ammont ta' Lm2800, u (III) ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dan l-ammont ta' Lm2800 bl-imghax mid-data tas-sentenza. Dik il-Qorti wkoll ikkundannat lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

3. Minn din is-sentenza appellaw biss Josephine u Leonard, konjugi Spiteri. Il-konvenuti l-ohra, cioe` il-konjugi Cassar, il-konjugi Zarb kif ukoll George Mizzi ma appellawx. Ir-rikors ta' appell tal-konjugi Spiteri gie ppresentat fil-**5 ta' Marzu, 2001**. L-appellati Sciberras gew notifikati bir-rikors ta' appell fl-**24 ta' April, 2001**; il-konjugi Zarb gew notifikati bih fis-**27 ta' Marzu, 2001**; u George Mizzi gie notifikat fis-**6 ta' Marzu, 2001**. Gara, pero`, li l-konjugi Cassar gew notifikati bir-rikors ta' appell biss fit-**2 ta' Lulju, 2003** u ghalhekk ferm wara it-terminu ta' sena stabbilit fl-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12. Il-konjugi Cassar (bhall-konjugi Zarb u anke George Mizzi) ma ppresentaw ebda risposta.

4. Ghad-determinazzjoni ta' din il-vertenza proceduralі, tajjeb li jigi riprodott *verbatim* il-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2003, li, kif inghad, kienet il-gurnata ta' l-ewwel

smigh tal-appell; dan qed jigi riprodott b'sottolinear ta' din il-Qorti:-

**Meta ssejjah l-appell deher il-konvenut appellant Leonard Sciberras assistit minn Dr. Doreen Clarke.**

**Deher Dr. John Victor Mizzi <u>ghall-konvenuti l-ohra</u>.**

**Deher l-attur appellat George Sciberras assistit minn Dr. Pawlu Lia.**

**<u>Dr. Pawlu Lia ghall-appellati George u Georgina konjugi Sciberras</u> jissottometti illi l-appell mar dezert billi l-konvenuti Roseanne Cassar u Emmanuel Cassar gew notifikati bir-rikors ta' l-appell fit-3 ta' Lulju, 2003 u ghalhekk il-proceduri tal-appell bil-miktub ma nghalqux fit-terminu preskritt bil-ligi.**

**Dr. Doreen Clarke talbet li taghmel nota ta' referenzi b'gurisprudenza li tavalla t-tezi taghha li f'cirkostanzi bhal dawk odjerni l-appell ma jistax jitqies bhala dezert.**

**Peress li l-punt sollevat mill-partijiet jimmerita xi ftit ta' approfondiment, il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghas-17 ta' Frar, 2004 fl-10:30 a.m. b'dan li l-appellanti jkollhom mhux aktar tard mit-28 ta' Novembru, 2003 zmien biex jippresenta [recte: jippresentaw] l-imsemmija nota bil-visto jew notifika tal-Avukat Dr. Pawlu Lia li jkollu mhux aktar tard mid-9 ta' Jannar, 2004 zmien biex jippresenta nota ta' referenzi responsiva.**

5. Effettivament l-appellanti Spiteri ppresentaw nota ta' referenzi (bil-visto ta' l-Avukat Lia) fis-27 ta' Novembru, 2003. L-Avukat Lia, ghall-appellati konjugi Sciberras, baqa' ma ppresenta ebda nota kif kellu l-fakolta` li jaghmel.

6. Issa ma hemmx dubju li r-rikors ta' appell – ghalkemm l-appell tal-konjugi Spiteri hu dirett biss kontra l-atturi konjugi Sciberras – kellu jigi notifikat <u>lill-partijiet kollha</u>

(Artikolu 144(1), Kap. 12) entro t-terminu ta’ sena (Art. 963(1), Kap. 12). Ma hemmx dubju wkoll li d-dezerzjoni ma hix sollevabbli biss per via ta’ eccezzjoni mill-kontro-parti (ara ***Francis Xavier Formosa et v. Carmelo u Doris ahwa Mifsud*** Qorti ta’ l-Appell, 26 ta’ Frar, 1999; ***Il-Prokuratur Legali Joseph Galea et v. Edwin Borg*** Qorti ta’ l-Appell, 26 ta’ Frar, 1999; ***David Hillman v. G.R.A.P. Limited*** Qorti ta’ l-Appell, 9 ta’ Dicembru, 2003). Pero` daqstant iehor ma hemmx dubju li l-eccezzjoni tad-dezerzjoni minhabba nuqqas ta’ notifika tar-rikors ta’ appell tista` tigi rinunzjata implicitament – u ghalhekk *multo magis* esplicitament – minn min ghandu l-aktar interess li jissollevaha, <u>u cioe` l-parti li ma tkunx giet notifikata bir-rikors entro t-terminu msemmi</u> (ara *passim* ***Francis Xavier Formosa et v. Carmelo u Doris ahwa Mifsud***, *supra*). Apparti dak li jiddisponi l-Artikolu 732(2) tal-Kap. 12, is-subartikolu (4) tal-Artikolu 963 jipprovdi espressament illi *“…il-proceduri bil-miktub ghandhom jitqiesu maghluqa kemm il-darba il-parti, <u>li ma tkunx giet notifikata b’att mehtieg ghall-gheluq tal-process</u>, tidher waqt is-smigh tal-kawza u ma taghtix l-eccezzjoni li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa u tghaddi jew xjentement thalli lil haddiehor jghaddi ghal atti ohra bla ma taghti dik l-eccezzjoni.”* (sottolinear tal-Qorti)

7. Fil-kaz in dizamina, il-parti li ma kienitx giet notifikata bir-rikors ta’ appell fi zmien sena kienu l-konjugi Cassar u mhux il-konjugi Sciberras. Fl-udjenza tal-4 ta’ Novembru, 2003 il-konjugi Cassar ghandhom jitqiesu illi dehru peress li deher ghalihom l-Avukat Dott. John Victor Mizzi. F’din l-udjenza il-konjugi Cassar ma taw ebda eccezzjoni ta’ dezerzjoni ta’ l-appell minhabba li ma kienux gew notifikati bir-rikors ta’ appell fi zmien sena mid-data tal-presentata tieghu, u, per di piu`, hallew lill-appellanti Spiteri jghaddu ghal atti ohra – senjatament in-nota ta’ referenzi – minghajr ma taw dik l-eccezzjoni. Konsegwentement ghandu jitqies li d-dezerzjoni dovuta ghan-nuqqas ta’ notifika tar-rikors ta’ appell entro t-terminu ta’ sena giet sanata. Kienet tkun, naturalment, differenti l-posizzjoni li kieku mqar il-konjugi Cassar ma dehrux.

8. Għall-motivi premessi tirrespingi l-eċċezzjoni tad-dezerzjoni sollevata mill-appellati konjugi Sciberras, bl-ispejjeż ta' dan l-inċident kontra tagħhom, u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------